BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 09/08 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 27 ta' Novembru 2008 fis-1.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 08/08 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*01/11 -* L-Ambaxxata Amerikana f'Malta għal sena oħra ser jorganizzaw programm annwali biex jiltaqgħu mat-tfal ta' l-iskejjel kif ukoll mal-Kunsilli Lokali kollha biex jagħtu informazzjoni dwar il-kultura amerikana. Huma wkoll ser joffru lill-Kunsilli għażla ta' kotba għat-tfal għal-libreriji tal-lokal. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel appuntament ma' l-Ambaxxata Amerikana biex flimkien mal-Kap ta' l-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa niltaqgħu magħhom.

*02/11 -* Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għamel appell il-Qorti għas-sentenza li ngħatatlu mill-Qorti Ċivili li 'Kunsilli Lokali m'għandhomx dritt jagħmlu kawża għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem f'isem ir-residenti tal-lokalita' tagħhom'. Huma qed jagħmlu talba lil kull Kunsill Lokali ta' €30 minħabba li d-deċiżjoni ta' l-appell ser taffettwa l-Kunsilli Lokali kollha. Il-Kamra qablet li tagħti l-kontribut tagħha.

*03/11 -* L-Iskola Sekondarja ta' Santa Luċia ser itellgħu *talent show* b'risq id-Dar tal-Providenza. Il-flus li jinġabru ser jingħataw waqt maratona li jorganizza radju RTK f'Jannar b'risq l-istess dar. Huma qed iħeġġu l-Kunsill biex jikkontribwixxi jew billi jorganizza grupp mil-lokal u jmur jara dan is-*show* jew billi jippreżenta donazzjoni lid-Dar tal-Providenza waqt is-serata. Il-Kamra qablet li tagħti donazzjoni ta' €200, waqt il-Kampanja organizzata minn Radju RTK.

*04/11 -* ‘Subculture Animal Friends’ hija għaqda li ma tagħmilx profit bil-għan li tqajjem kuxjenza fit-tfal żgħar dwar il-moħqrija fuq l-annimali . Ser iqassmu fost it-tfal tal-tielet klassi ktejjeb u CD. Huma resqu talba għal għajnuna finanzjarja. Minħabba l-fatt li m’humiex għaqda rikonoxxuta mil-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill qabel li ma tingħatax donazzjoni.

*05/11 -* Tressqet talba mill-għalliema tal-Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja Subien Kirkop biex nilqgħu fostna għall-ġimgħa student tal-Form 5, bla ħlas, biex dan iduq id-dinja tax-xogħol. L-istudent jagħmel kwalunkwe xogħol neċessarju li ma jkunx ta’ periklu għalih. S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li huwa illegali li tagħti taħriġ tfal taħt is-sittax il sena. R.Zahra staqsa jekk jiġri xi aċċident hux ser inkunu koperti mil-liġi. Wara diskussjoni il-Kamra qablet li jekk l-iskola tipprovdi dokumenti li juru li huma skond il-liġi allura l-Kunsill jaċċetta li student jagħmel din l-esperjenza magħna.

*06/11 -* Għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-15 -il sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onor. Dr. Chris Said, nieda programm ta’ attivitajiet sabiex ifakkru dan l-anniversarju fejn parti minnu jinkludi għoti ta’ demm u tħawwil ta’ siġar fil-masġar tas-salini. Għaldaqstant il-Kamra qablet li jinħareġ avviż biex niġbru grupp ħalli jagħti d-demm u nipprovdu trasport bla ħlas. Bħala rappreżentant tal-Kunsill għat-tħawwil tas-siġar intgħażel T.Roberts. Il-Kunsill ġie mitlub ukoll biex isib persuna ħalli jġorr l-istandard waqt il-mixja mill-Kunsilli Lokali tal-Ħadd, 7 ta’ Diċembru 2008. Il-Kunsill iddeċieda li tintgħażel persuna mill-Birżebbuġa Scouts Group.

*07/11-* Tressqet talba għal għajnuna finanzjarja mis-Soċjeta’ Filarmonika San Pietru Banda
*08/11-* Birżebbuġa biex jorganizzaw serata tal-karnival u mingħand il-Klabb Regatta Birżebbuġa biex itaffu l-ispejjeż involuti biex jorganizzaw l-*party* tal-Milied għat-tfal. Dawn ser jiġu ikkunsidrati mal-programmi ta’ attivitajiet li l-Kunsill talab lil kull għaqda lokali.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kamra l-Ittra ta’ Direzzjoni li ppreparaw l-awdituri tal-Gvern wara li ffinalizzaw l-awditjar tas-sena finanzjarja 2007-2008. Ġie spjegat x’irrimarkaw l-awdituri u s-suġġerimenti li huma għamlu biex il-proċeduri finanzjarji jitjiebu. Il-Kamra ġiet innotifikata li qed titħejja risposta għal din l-ittra biex tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u kopji lin-National Audit Office u lill-Awditur tal-Gvern 3a Accountants.

***<u>AĠENDA -4</u>***

T.Roberts innotifika l-Kamra bid-differenzi li hemm bejn l-ewwel u t-tieni pjan ta’ żvilupp għall-*area* tal-Girgħien wara li saret konsultazzjoni pubblika. Irrimarka li l-garaxxijiet industrijali li l-Kunsill oġġezzjona fuqhom meta ġie ppreżentat l-ewwel pjan ta’ żvilupp għadhom jissemmew. S.Cuschieri rrimarkat li l-binja li kienet fl-akbar żona ta’ żvilupp issa ġiet trasferita għall-iżgħar żona u mhux ser jkun hemm biżżejjed *open space*. Il-Kamra ddeċidiet li tinkiteb ittra lill-MEPA bl-oġġezzjonijiet tagħha u biex tintalab laqgħa ma’ uffiċjali tal-MEPA biex flimkien mal-Kunsill jiġi diskuss dan il-pjan ta’ żvilupp.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Inqraw l-ispeċifikazzjonijiet ta’ tlett offerti pubbliċi li ħadmet fuqhom l-amministrazzjoni. Il-Kamra qablet li għandha tinħareġ sejħa għal dawn l-offerti pubbliċi (a) Tindif ta’ postijiet pubbliċi; (b) Xogħol ta’ *Handyperson* u (c) Kiri ta’ *Tipper Truck*.

***<u>AĠENDA -6</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta’ Ottubru ’08. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex s-somma ta’ €54,544.02 titħallas skond Skeda Nru. 10/08.

***AĠENDA -7***

1. Il-Kamra ġiet innotifikata li l-Kunsill ħa d-delega tal-Gwardjani Lokali lura f'idejh fl-4 ta' Novembru 2008. Ġiet spjegata wkoll kif taħdem din is-sistema fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-Żurrieq u x'inhu x-xogħol li jrid jagħmel il-Kunsill.

2. Ġie ppreżentat fuq il-mejda r-rendikont ta' 'Jum Birżebbuġa' li nvolva spejjeż ta' €1541.03 biex il-programm seta' jittella'. Il-Kamra ikkonfermat din l-ispiża.

3. T.Roberts ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li s-sala tal-Kunsill għandha bżonn manutenzjoni kemm fil-bini, fil-*locks* tat-twieqi u fl-*aircondition*. Hemm bżonn ukoll li jinħadem armarju biex fih jitpoġġew l-affarijiet tas-sala. Minħabba l-fatt li meta tinkera s-sala xi kultant jonqsu s-siġġijiet, il-Kamra qablet li mill-1 ta' Jannar 2009 is-sala tinkera mingħajr siġġijiet. Ġie rrimarkat wkoll li ħafna min-nies qed jilmentaw li s-sala qed tkun maħmuġa. Għalhekk il-Kamra qablet li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għat-tindif tas-sala.

4. T.Roberts issuġġerixxa li minħabba li issa l-uffiċċju amministrattiv qed jaċċetta ħlasijiet ta' ċitazzjonijiet tal-Gwardjani Lokali hemm bżonn li l-bieb ta' l-uffiċċju jingħalaq fit-tlieta biex b'hekk l-amministrazzjoni tkun tista' tirrikonċilja. J.Farrugia ssuġġerixxa li nagħmlu *intercom* ħalli min jiġi wara l-ħin tat-tlieta nkunu nistgħu nkellmuh. J.Baldacchino ssuġġerixxa wkoll li nagħmlu sejf fejn inżommu l-*cash* li jkun hemm fil-Kunsill. Kulħadd qabel mas-suġġerimenti.

5. Ġie deċiż biex nhar il-Ħadd, 21 ta' Diċembru 2008 f'nofsinhar issir ikla tal-Milied għall-Kunsillieri u s-Segretarjat. Mistiedna bħala koppja. Ukoll ser issir bibita lill-Kunsillieri u s-Segretarjat fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 23 ta' Diċembru 2008 wara is-1.00pm.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Ħamis, 8 ta' Jannar 2009 fis-1.30pm. .

| ....................................... | .............................................. |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |